**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima., LL.D.**

**Appell Nru: 7/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Jean Paul Camilleri**

Illum, 29 ta' Lulju 2022

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Jean Pierre Camilleri detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 103274M akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-22 ta' Mejju 2021 għall-ħabta ta' 16:15hrs bejn il-Gżejjer ta' San Pawl il-Baħar,

1. **saq, ħalla jew ippermetta li jinstaq bastiment S-21225 – li jaħdem bil-mutur, b'veloċita' ta' iktar minn għaxar mili nawtiċi ġo post il-ġewwa minn 200 metru 'l bogħod minn xi parti oħra tax-xtajta u dan bi ksur ta' Reg 25(c) SL 499.52.**
2. **U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, saq, ħalla jew ippermetta li jinstaq kwalunkwe bastiment żgħir li jaħdem bil-mutur b'veloċita' li, fiċ-ċirkostanzi partikolari, x'aktarx ikun ta' periklu għall-ħajja jew jista' jikkaġuna korriment jew iwassal għal xi kolliżjoni u dan bi ksur tar-Reg 26 u Reg 45 tat-Tielet Skeda LS 499.52.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Diċembru, 2021, fejn il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 25(c), 26 u it-Tielet Skeda, Reg. 45 tal-LS 499.52 sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u ikkundannatu għal multa ta' €600. Il-Qorti ordnat ukoll l-iskwalifika tal-liċenzja għall-perijodu ta' tnax-il xahar.

Rat ir-rikors tal-appellant Jean Pierre Camilleri ppreżentat fis-27 ta' Diċembru, 2021, fejn talab lil din l-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata tas-16 ta' Diċembru 2021 u tillibera lill-appellant minn kull akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu u/jew li fin-nuqqas tirriforma l-istess sentenza fil-parti tal-piena u tinfliġġi piena anqas ħarxa li tirrispekkja l-każ in eżami.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet ix-xiehda ta' Mark Zammit, Marvin Formosa, Rudolph Muscat u tal-appellant.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, aggravat bis-sentenza tal-Ewwel Qorti li sabitu ħati tal-imputazzjonijiet lilu addebitati, l-appellant jilmenta minn din id-deċiżjoni u dan għal motiv illi ma kienx milħuq il-grad rikjest mill-liġi għal sejbien ta' ħtija meta l-provi miġjuba mill-Prosekuzzjoni ma kienux jissodisfaw il-vot tal-liġi fid-dawl tad-dubji lampanti li l-Ewwel Qorti naqset milli tieħu konsiderazzjoni tagħhom, u dan iktar u iktar meta dawn il-provi kienu kontradetti mill-provi tad-difiża. Finalment u subordinatament għal dawn l-ilmenti, li kollha jikkonċernaw l-apprezzament tal-provi magħmul mill-qorti tal-ewwel grad, l-appellant jilmenta illi l-piena inflitta fuqu kienet waħda eċċessiva.

Illi l-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti tal-kawża u dana sabiex b'hekk tinsab f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1]. Ukoll, dina l-Qorti kellha ix-xorti tisma' hija stess *viva voce* ix-xhieda mill-ġdid li kienu iddeponew quddiem l-Ewwel Qorti sabiex b'hekk tinsab f'posizzjoni tapplika hija stess ir-regoli mfassla fl-Artikoli 636 *et sequitur* tal-Kodiċi Kriminali[2] u dana meta tiġi għall-ġudizzju aħħari tagħha.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant jikkontendi primarjament li l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ma wasslux sal-grad rikjest mill-liġi għal sejbien ta' ħtija u dana għaliex l-istess prosekuzzjoni illimitat ruħha biss li tipproduċi xhieda li iktar milli xehdu fuq il-fatti wasslu biex straħu fuq l-opinjonijiet tagħhom dwar l-atti inkriminatorji allegatament kommessi mill-appellant u għalhekk l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tkun moralment konvinta li hu kien qed isuq l-opra tal-baħar in kwistjoni b'veloċita' li teċċedi l-limitu stabbilit fil-liġi. Huwa jkompli jgħid li dan kollu jsib forza mill-fatt li kien hemm diskrepanzji fit-testimonjanzi tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni.

Illi l-ilment prinċipali tal-appellant iddur madwar il-fatt li l-uffiċjali ta' *Transport Malta* ma kellhomx apparat li bih setgħu jkejlu l-veloċita' tal-opra tal-baħar li kien qiegħed isuq iżda straħu fuq kejl approssimattiv. Issa huwa fatt inkontestat illi l-Uffiċjali involuti f'dan il-każ ma kellhom ebda apparat elettroniku sabiex ikejlu il-veloċita'. Mix-xiehda ta' dawn l-uffiċjali tal-infurzar jirriżulta illi huma wasslu biex jistabbilixxu din il-veloċita' billi kienu qed isegwu l-*jet-ski* misjuq mill-appellant, bl-opra tal-baħar li fuqha kienu jinstabu huma u għalhekk ikkalibraw il-veloċita' li biha kien qed jinstaq

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

[2] Ara fost oħrajn l-Appelli Kriminali Sede Inferjuri fl-ismijiet Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joe Galea Debono u datata s-6.11.2002; Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16.3.2001; Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9.11.2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24.9.2004.

dan il-*jet-ski*, fuq il-veloċita' fis-sewqan tagħhom, veloċita' li neċessarjament kellhom itellgħu sabiex jilħquh. Ukoll ikkalkulaw mill-esperjenza tagħhom bħala uffiċjali f'dan il-qasam tax-xogħol illi l-appellant kien qed isuq b'veloċita' approssimattiva ta' 25 *knots* mir-rima u l-i*splash* li beda iħalli warajh il-*jet ski*.

Illi, Mark Zammit, uffiċjal tal-infurzar, jixhed u jgħid:

> **Jekk nara dghajsa gejja ta' s-sajjieda mod, u jekk qed nara dghajsa gejja u l-isplexxjatura tar-rima, ta' l -mewga ttir hekk, dan jet ski qed nitkellmu, jigifieri mod iehor. Anka jista' jkun jet ski, ghaddej b' five knots, seven knots, eight knots, taf li inti qed tarah ghaddej bil-mod ...**
>
> **Ovvjament hu aktar ma ttih speed aktar johrog mill-ilma. Allura aktar ma ttih speed aktar johrog mill-ilma meta qed jimxi l-ilma qed jisplexxja izjed. Dik hi d-differenza. L-isplexxjatura ta' l-jet ski ittir minn hawn sa dak id-desk ta' quddiemi, jigifieri hemm differenza bejn li ttir minn hemm ghal hawn milli ma ttirx u l–jet ski qed jibqa' mnizzel minn wara u qed timxi bil-mod. B' hekk inkejlu l-speed ahna.**

Illi, dan kollu reġa' ikkonfermah l-uffiċjal l-ieħor ta' *Transport Malta*, Marvin Formosa. Ukoll, iz-zewġ uffiċjali saħqu li meta kien twaqqaf l-appellant, huwa ma kienx innega li kien għaddej b'veloċita' aktar milli suppost.

Issa r-regolament 45(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.52 jippermetti lill-uffiċjali tal-infurzar iwaqqfu bastiment meta dawn ikunu tal-fehma illi l-liġi ma tkunx qed tiġi osservata u dan mingħajr il-ħtieġa li jkunu mogħnija minn xi apparat li jista' jsaħħaħ din il-fehma.

> **(2) Kull uffiċjal ta' l-infurzar <u>li fil-fehma tiegħu</u> jkun twettaq reat jista' jwaqqaf il-bastiment żgħir użat fl-għemil tar-reat u jieħu d-dettalji ta' sid jew is-sewwieq tal-bastiment żgħir, tal-bastiment żgħir u tar-reat.**
>
> **(3) Proċedimenti ordinarji jittieħdu skond id-disposizzjonijiet tar-regolament 49 dwar ir-reat in kwistjoni u dak li kkommetta r-reat jeħel, meta jinstab ħati, il-multi msemmija fit-tieni kolonna tat-Tielet Skeda**

Illi l-Qorti bħall-Ewwel Qorti qabilha ma tara li hemm edba mottiv li jista' iwassalha tiddubita minn din il-fehma li wasslu għaliha dawn l-uffiċjali tal-infurzar u dan bis-setgħa li tagħtihom il-liġi. Fuq kollox din il-fehma hija imsaħħa minn dak li jixhdu dawn l-uffiċjali li *ictu oculi* u abbazi tal-veloċita' li huma kellhom itellgħu sabiex jilħqu

lill-*jet ski* tal-appellant, illi din il-veloċita' kienet waħda eċċessiva għaż-żona fejn kienet qed tinstaq u li allura setgħa kien ta' periklu għall-utenti l-oħra tal-baħar, tant għalhekk illi tirriżulta xortawahda il-ħtija taħt ir-regolament 26 li ma jispeċifika ebda limitu ta' veloċita'. Għaldaqstant dina l-Qorti ma ssib l-ebda raġuni 'il għala għandha tirrimpjazza d-deċizjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti u għalhekk l-ewwel erba' aggravvji hekk kif imressqa mill-appellant ma jistħoqqilhomx akkoljiment.

**Ikkunsidrat:**

Illi, sorvolat l-ewwel erba' aggravji mressqa mill-appellant, il-*gravam* rimanenti sottopost għal ġudizzju tal-Qorti jikkonċerna unikament il-piena erogata mill-istess, u ċioe dik ta' multa ta' sitt mitt Ewro u sospensjoni tal-liċenzja nawtika għal tnax-il xahar, fejn l-appellant jilmenta li din il-piena hija ferm eċċessiva.

Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm -il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*.[3]

Illi, minn eżami tas-sentenza impunjata, jirriżulta illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti tal-multa ta' €600 hija dik maħsuba fil-liġi u dan kif jirriżulta mir-Regolament 45, u it-Tieni Kolonna tat-Tielet Skeda li issir referenza ghaliha fl-imsemmi regolament. Għalhekk l-Ewwel Qorti ma kellha ebda diskrezzjoni rigward il-parametri tal-piena billi din hija waħda stabbilita fil-liġi ġaldarba tirriżulta il-ħtija, biex b'hekk il-lanjanza ventilata mill-appellant hija għal kollox infondata.

Illi fir-rigward is-sospensjoni tal-liċenzja nawtika għal żmien tnax -il xahar imposta fuq l-appellant, hawn ukoll l-Ewwel Qorti applikat il-provvediment stabbilit fir-regolament 47 tal-Liġi Sussidjarja 499.52 li jiddispponi illi:–

[3] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

> **Kull min jinsab ħati ta' reat taħt ir-regolamenti 43, 44, 45 u 46 għandu, ħlief jekk il-Qorti għal raġunijiet speċjali tikkunsidra li tordna mod ieħor u mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-Qorti li tordna żmien itwal ta' skwalifika, jiġi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb xi liċenza, u, jew ċertifikat, u, jew xi permess ieħor maħruġa mill-Awtorità, kemm taħt dawn ir-regolamenti u kemm jekk le, għal żmien ta' tnax-il xahar[4] mid-data ta' meta jkun ġie misjub ħati.**

Illi l-appellant ma iressaq ebda raġuni speċjali 'il għala il-Qorti għandha titbiegħed minn din is-sanzjoni maħsuba mil-Leġislatur għal vjolazzjoni tal-liġi li dwarha huwa ġie misjub ħati u kwindi nieqsa din iċ-ċirkostanza il-Qorti ma għandiex triq oħra ħlief li tikkonferma d-deċizjoni appellata fl-intier tagħha. Għalhekk dan l-aħħar aggravju tal-appellant ukoll qed jiġi respint.

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha. It-terminu għall-iskwalifika tal-liċenzja nawtika għandha tibda' tgħodd mil-lum.

**Edwina Grima**
**Imħallef**

[4] Enfazi ta' dina l-Qorti.